

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Gerechtshof te Arnhem — Interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 795/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' ħlas waħdieni li hemm provvediment dwaru fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal sistemi ta' sostenn dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 226) — Sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll dwar ċerti skemi ta' għajjnuna — Skema ta' pagament uniku — Trasferiment tad-drittijiet għall-pagament — Obbligi tal-kerrej u ta' sid il-kera

Dispożittiv

Id-dritt Komunitarju ma jobligax lill-kerrej, fl-iskadenza tal-kirja, li jittrasferixxi lis-sid il-kera l-artijiet bi qbiela inkwistjoni flimkien mad-drittijiet għall-pagament ikkostitwiti għal dawn l-artijiet jew relatati magħhom, u lanqas li jħallu kumpens.

(¹) ĠU C 6, 10.01.2009

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla Awla) tal-21 ta' Jannar 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākās Tiesas Senāts — ir-Repubblika tal-Latvja) — Alstom Power Hydro vs Valsts ieņēmumu dienests

(Kawża C-472/08) (¹)

(Talba għal deċiżjoni preliminari — Sitt Direttiva tal-VAT — Artikolu 18(4) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin għar-rimbors ta' ħlas żejjed tal-VAT)

(2010/C 63/21)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Augstākās tiesas Senāts

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Alstom Power Hydro

Konvenuta: Valsts ieņēmumu dienests

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Augstākās tiesas Senāts — Interpretazzjoni tal-Artikolu 18(4) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23) — Liġi nazzjonali li tipprovdi terminu ta' tliet snin għat-tressiq ta' talbiet għal rimbors ta' ħlas żejjed ta' taxxi

Dispożittiv

L-Artikolu 18(4) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tipprovdi għal terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin għat-tressiq ta' talba għal rimbors ta' ħlas żejjed tat-taxxa fuq il-valur miżjud miġbur indebitament mill-amministrazzjoni fiskali ta' dan l-Istat.

(¹) ĠU C 327, 20.12.2008

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-28 ta' Jannar 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sächsisches Finanzgericht — il-Ġermanja) — Ingenieurbüro Eulitz GbR Thomas und Marion Eulitz vs Finanzamt Dresden I

(Kawża C-473/08) (¹)

(Sitt Direttiva tal-VAT — Artikolu 13 A(1)(j) — Eżenzjoni — Lezzjonijiet mogħtija minn għalliema privatament, li jirrigwardaw tagħlim tal-iskola jew tal-università — Servizzi pprovdu minn għalliem indipendenti fil-kuntest ta' kors ta' taħriġ vokazzjonali kontinwu organizzat minn istitut terz)

(2010/C 63/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Sächsisches Finanzgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ingenieurbüro Eulitz GbR Thomas und Marion Eulitz

Konvenut: Finanzamt Dresden I